# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju tas-sena 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 338/01/SM**

**Joseph Farrugia ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta Farrugia Enterprises.**

**vs**

**Ronald Mifsud**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmin mija u hamsin lira (LM850) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilhu mibjugha u lilhu konsenjata;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 8 ta' Novembru 2000, u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta' Mejju tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**